MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 708/2000/1

**Vincent Brincat ezercenti tal-kummerc taht l-isem Infocus Promotions**

**Vs**

**MallSystems Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fid-29 ta' Mejju, 2000, fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm771.15) bilanc minn somma akbar rapprezentanti din is-somma prezz ta' reklami maghmula mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' April, 2000, u l-imghax, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socejta’ konvenuta fejn eccepiet:

Illi d-domanda attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont mhux dovut.

L-attur ma pprezentax kopji tal-invoices f’din il-kawza. Izda fuq talba nformali mill-konvenut, l-attur ipprezenta zewg statements (bir-relattivi invoices) li flimkien jammontaw ghall-ammont pretis fl-Avviz – Dok A/B – li juri li fil-waqt li l-ewwel invoice hi datata 1.5.1994, u l-ahhar hlas sar fis-16 ta’ Gunju, 1996, l-ahhar invoice hi datata 31. Dic., 1996.  Il-kawza giet ipprezentata fid-29 ta’ Mejju, 2000.

Il-konvenut jikkonferma li dawn l-ammonti mhux dovuti u formalment jeccepixxi l-preskrizzjoni ta’ 18-il-xahar skond l-Art. 2148 (a) u/jew ta’ sentejn skond l-Art. 2149 (c) tal-Kodici Civili.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut m’ghandux jaghti xejn mill-ammont pretis.

Salv eccezzjonijet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikunsidra l-meritu, trid tiddisponi mill-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta’ konvenuta.  Dawna eccepew zewg artikoli, u cioe’ Artikolu 2148 u 2149 tal-Kodici Civili, li jippreskrivu termini ta’ tmintax-il xahar u sentejn rispettivament.  Ma giex indikat lill-Qorti liema mit-tnejn japplika ghal dan il-kaz.

Apparti l-fatt li din il-Qorti ma tistax tiehu inizjattivi f’materja ta’ preskrizzjoni u taghzel hi liema ghandu

japplika f'dan il-kaz (ara Cali vs Galea Vol. XL part 1 page 166). Il-Qorti jidhrilha li l-ebda wahda minn dawn l-Artikoli ma jistghu jigu nvokati mis-socjeta' konvenuta.

Irrizulta mill-provi, li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali li kienet damet ghaddejja xi zmien u l-ammont mitlub mill-attur jirrizali minn din ir-relazzjoni li kienet tinvolvi servizzi ta' reklamar maghmula mill-attur a beneficcju tas-socjeta' konvenuta. Dawn is-servizzi ghalhekk jikkwalifikaw bhala servizzi kummercjali, f'liema kaz allura jaqghu taht l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Ghalhekk, il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-azzjoni attrici hija preskritta, peress illi saret fit-terminu rikjest mil-Ligi. L-ahhar *invoice* ipprezentata mill-attur iggib id-data Dicembru, 1996, u saret Ittra Ufficjali fis-7 ta' April, 2000, entro tterminu tal-Artikolu fuq imsemmi 2156.

Ghalhekk, il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

Kif gia nghad bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali illi damet ghaddejja mill-anqas sentejn fejn l-attur ipprovda servizzi ta' reklamar ghas-socjeta' konvenuta. Dawn is-servizzi kienu fuq il-mezzi tax-xandir, fic-cimena u fil-gazzetti.

Is-socjeta' konvenuta kienet taghmel pagamenti akkont u darba minnhom ukoll sar it-tpacija fis-sens illi gie pprovdut *fax machine* ghas-servizzi moghtija mill-attur. L-attur kien sodisfatt b'din it-tpacija u ma sar xejn aktar dwarha.

Wara din it-tpacija, l-attur jghid illi s-socjeta' konvenuta kienet tant sodisfatta bis-servizzi illi huwa pprovda illi kompliet taghmel ordnijiet ghar-reklamar, liema ordnijiet kienu jsiru bit-telefon. L-attur ipprovda dawn is-servizzi u esebixxa bhala prova diversi *cuttings* mill-gazzetti fejn juru r-reklami tas-socjeta' konvenuta. Din is-socjeta' tghid illi ma talbietx aktar servizzi minghand l-attur wara Gunju, 1996. Fil-fatt mill-i*statement* illi hemm esebit a Fol. 27 u 28 tal-process, is-socjeta' konvenuta qeda tikkontesta l-ahhar hames *invoices* illi saru wara Gunju, 1966, u cioe

*invoice* number 714, *invoice* number 827, 828, 829 u 913 li kollha saru bejn Gunju u Dicembru, 1996.

Ranier Zammit, ghan-nom tas-socjeta' konvenuta jghid illi wara li ezamina d-dokumenti kollha tal-kumpanija, wara l-ahhar pagament ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) illi sar fis-16 ta' Gunju, 1996, gew saldati l-kwistjonijiet kollha illi kien hemm bejnithom u ma kienx ghad fadal pendenzi x'jithallsu.

Skond id-dokument a Fol. 28, wara dawn il-Lm150 jidher bilanc ta' tlieta u tmenin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm83.79) favur l-attur. Fuq domanda tal-Qorti, Ranier Zammit jinnega anki dak il-bilanc zghir u jinsisti illi ma kellu jaghti xejn aktar lill-attur.

Id-difiza tas-socjeta' konvenuta qeda bbazzata biss fuq asserzjoni illi skond il-kotba taghha ma jirrizulta xejn.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat d-dokumenti illi gew esebiti f'dawn l-atti, specifikatament l-ahhar hames *invoices* illi qeghdin jikkontestaw is-socjeta' konvenuta u rat illi minkejja dak illi qalet is-socjeta' konvenuta rrizulta li almenu sar reklamar f'Lulju u f' Awissu 1996.  Ta min isemmi, illi r-reklamar ta' l-attur ma kienx limitat biss fuq il-gazzetti imma anki fic-cinema u fuq il-mezzi tax-xandir.  Ghalhekk huwa ferm probabbli li dawk l-*invoices* illi jidhru a Fol. 27 u 28, ikopru reklamar mhux biss fuq il-gazzetti imma anki fuq mezzi ohra.

Il-Qorti ma tahsibx illi l-attur kien ser johrog *invoices* ghal servizzi illi ma gewx mitluba minnu.  Fil-fatt ix-xoghol maghmul fuq dawk l-*invoices* huwa deskritt fid-dokuemnti li pprezenta l-attur minn Fol. 29 'l quddiem.

Ranier Zammit jghid illi hafna minn dawn ix-xogholijiet li jidhru f'dawn l-*invoices* effettivament saru, ghad illi ma setax isib *records* ta' xi tnejn jew tlieta minnhom.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidhrilha illi billi socjeta' tallega illi m'ghandhiex *records* ta' servizz ma jfissirx illi dak is-servizz ma nghatax. L-atturipprezenta provi dokumentari fejn juru illi dan is-servizz inghata u l-unika difiza li ghandha s-socjeta' konvenuta hija li fil-fatt m'ghandhiex *records t*aghhom.

Il-Qorti jidhrilha li dan mhux bizzejjed biex jirribatti l-prova li gab l-attur, prova bazata fuq il-preponderanza ta' probabbiltajiet.

Mid-dokumenti esebiti rrizulta li s-servizz gie moghti u gie deskritt bl-aktar dettal mid-dokumenti esebiti konfortati bix-xhieda ta' l-attur.

Ghalhekk, il-Qorti hija sodisfatta illi fil-fatt l-attur ipprovda servizz lis-socjeta' konvenuta illi min-naha taghha ghandha thallas ghalih. Il-Qorti tirrileva pero' illi ghal dak illi jirrigwarda l-"quantum", originarjament t-talba kienet ghal seba' mija u tmien liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm708.22) izda b'rikors datat 7 ta' Settembru, 2000, l-attur talab korrezzjoni li giet akkordata, fejn ic-cifra Lm708.22 giet imhassra u sostitwita bic-cifra Lm771.15. Dina giet debitament notifikata lis-socjeta konvenuta qabel ma ghamlet l-eccezzjonijet taghha.

Il-Qorti jidhrilha pero', illi hija l-ewwel cifra li giet ippruvata mill-attur. Mid-dokumenti esebiti, specjalment il-final ta' l-i*statement* a Fol. 28 tidher ic-cifra finali ta' Lm708.24. Kwindi, l-attur ma tax spjegazzjoni fejn qeghda u ghal x'hiex inhi din id-differenza u ghalhekk, il-Qorti jidhrilha fin-nuqqas ta' provi ohra, illi ghandha tilqa' l-ewwel cifra kif indikata fl-Avviz u cioe' Lm708.22.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallsu l-ammont ta' seba' mija u tmien liri u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm708.22) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' reklamar maghmula mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

Anthony Zammit
Deputat Registratur